# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2024**

**Numru 4**

**Rikors numru 1001/2014/1 ISB**

**More Supermarkets (Hamrun) Ltd (C-57252), More Supermarkets (Mosta) Ltd (C-60925), More Supermarkets (Fgura) Ltd (C-61496), More Supermarkets (P'Ville) Ltd (C-61504) u D. More Holdings Ltd għal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Alexander Farrugia; u b'digriet tal-15 ta' Ġunju 2015 l-Avukat Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan ġew nominati bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Ryan Schembri; Adrian Agius u Cassar & Schembri (Marketing) Ltd u b'digriet tad-29 ta' April 2022 l-kuraturi deputati l-Avukat Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan ġew estromessi mill-kawża**

**Il-Qorti:**

1. Fil-11 ta' Novembru, 2014, il-kumpaniji attriċi ressqu din il-kawża fil-konfront tal-konvenuti, fejn fost affarijiet oħra xlewhom b'għemil doluż

b'rabta mal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, għall-valur ta' miljun u nofs ewro (€1,500,000) fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju, 2014. Sostnew ukoll li l-kawżali tal-imsemmi kuntratt hija falza u għalkollox fabbrikata peress li l-kumpaniji attriċi qatt ma ssellfu flejjes mingħand il-konvenut Alexander Farrugia u għalhekk talbu r-rexxissjoni tal-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, kif ukoll it-tħassir tal-ipoteka ġenerali u tal-kambjala b'rabta mal-istess kuntratt.

2. It-talbiet tal-kumpaniji attriċi lill-Qorti, kienu dawn:

*«1) Tiddikjara li l-konvenuti Ryan Schembri u Adrian Agius ma kinux awtorizzati sabiex jidhru għan-nom tas-soċjetajiet attriċi [barra D.More Holdings Ltd] fuq il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in Atti Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014, u kkommettew rappreżentazzjoni indebita frodi u qerq meta rrappreżentaw ruħhom b'mod falz bħala persuni awtorizzati biex jirrappreżentaw l-istess;*

*2) Tiddikjara li l-kawżali tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in Atti Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014 hija għalkollox falza u fabbrikata u li soċjetajiet attriċi komparenti qatt ma sselfu l-flejjes imsemmija mill-konvenut Alexander Farrugia;*

*3) Konsegwentement, tiddikjara r-rexxissjoni tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in Atti Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014 fil-konfront tas-soċjetajiet More Supermarkets (Hamrun) Ltd; More Supermarkets (Mosta) Ltd;, More Supermarkets (Fgura) Ltd u More Supermarkets (P'Ville) Ltd;*

*4) Konsegwentement għat-tielet talba, tordna t-tħassir tal-ipoteka ġenerali msemmija fuq il-kuntratt de quo fil-konfront tas-soċjetajiet More Supermarkets (Hamrun) Ltd; More Supermarkets (Mosta) Ltd, More Supermarkets (Fgura) Ltd u More Supermarkets (P'Ville) Ltd;*

*5) Konsegwentement għat-tielet talba wkoll, tordna t-tħassir tal-kambjala msemmija fuq il-kuntratt de quo fil-konfront tas-soċjetajiet More Supermarkets (Hamrun) Ltd, More Supermarkets (Mosta) Ltd, More Supermarkets (Fgura) Ltd u More Supermarkets (P'Ville) Ltd;*

*6) Tinnomina Nutar għall-pubblikazzjoni tal-Att ta' rexxissjoni tal-kuntratt de quo, flimkien ma' kuratur biex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi;*

*7) Tiddikjara l-konvenuti, in solidum bejniethom, responsabbli għad-danni, in vista tal-qerq u frodi u tal-aġir perpetwat xjentement u magħmula minnhom a detriment tas-soċjetajiet attriċi;*

*8) Tillikwida d-danni kollha sofferti mis-soċjetajiet attriċi minħabba l-qerq u frodi kommess mill-konvenuti;*

*9) Tikkundanna l-konvenuti, in solidum bejniethom, iħallsu lis-soċjetajiet attriċi, d-danni hekk likwidati;»*

3. Fit-22 ta' Diċembru, 2011, il-konvenut Alexander Farrugia wieġeb għat-talbiet attriċi billi ressaq l-eċċezzjonijiet kif ġej:

*«1. Illi primarjament l-azzjoni attriċi hija nulla minħabba l-irritwalità tad-domandi hekk kif imressqa fir-rikors ġuramentat;*

*2. Illi subordinarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jekk hemm element ta' frodi qiegħed jiġi eżerċitat mill-atturi nfushom sabiex jevitaw li jħallsu l-ammont dovut;*

*3. Illi subordinarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt billi ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti mil-Liġi għar-rexxissjoni tal-att pubbliku ppublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Claire Camilleri datat għoxrin (20) ta' Gunju elfejn u erbatax (2014);*

*4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.»*

4. Min-naħa tiegħu, il-konvenut Adrian Agius ressaq ir-risposta maħlufa tiegħu fit-12 ta' Marzu, 2015, li fiha ngħad hekk:

*«1. Illi l-intimat deher fuq il-kuntratt tal-20 ta' Ġunju 2014 fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri limitatament in rappreżentanza ta' More Supermarkets (Hamrun) Ltd u għalhekk mhux il-leġittimu kontradittur inkwantu t-talbiet attriċi jirreferu għal More Supermarkets (Mosta) Ltd, More Supermarkets (Fgura) Ltd u More Supermarkets (P'Ville) Ltd.*

*2. Illi f'kull każ, l-intimat ma jirrispondix għad-danni li qed jiġu allegati minn D.More Holdings Ltd.*

*3. Fil-mertu, mhux minnu li l-intimat ma kellux jedd jirrappreżenta lil More Supermarkets (Hamrun) Ltd fuq l-imsemmi kuntratt jew li kkommetta rappreżentazzjoni indebita, frodi u qerq meta deher fuq l-imsemmi kuntratt tal-20 ta' Ġunju fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri, kif qed jiġi*

*allegat fl-ewwel talba attriċi, kif għandu jirriżulta aħjar waqt is-smigħ tal-kawża.*

*4. Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-imsemmi kuntratt datat 20 ta' Ġunju 2014 fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri ġie rikonoxxut u ratifikat mis-soċjetajiet attriċi tant li għal xi żmien il-konvenut l-ieħor Farrugia kien involut attivament fil-ġestjoni tas-supermarkets tas-soċjetajiet attriċi ġenb ma' ġenb ma' Darren Casha u kien biss wara li nqala' diżgwid bejn Darren Casha u l-konvenut l-ieħor Farrugia li Darren Casha istitwixxa dawn il-proċeduri.*

*5. Illi rigward it-talbiet attriċi bin-numri tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4), ħamsa (5) u sitta (6), l-intimat jirrimetti ruħu għal ġudizzju ta' din l-Onor. Qorti inkwantu huwa deher fuq l-imsemmi kuntratt in bona fede abbazi tal-informazzjoni li ngħatat lilu u ma għandu l-ebda interess li jopponi l-imsemmija talbiet kemm-il darba l-atturi jirnexxielhom jippruvaw l-allegazzjoni tagħhom li l-kawżali tal-imsemmi kuntatt kienet "għalkollox falza u fabbrikata".*

*6. Illi rigward it-talba attriċi bin-numru (7), l-intimat jeċċepixxi li huwa deher fuq l-imsemmi kuntratt fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri in bona fede u għalhekk mhux minnu li kien hemm xi qerq, frodi jew aġir perpetwat xjentement minnu a detriment tas-soċjetajiet attriċi.*

*7. Illi għalhekk jsegwi li ma hemmx danni x'jiġu likwidati fil-konfront tal-attur kif qed jintalab fit-tmien (8) talba u li l-intimat ma għandux ikun ikkundannat iħallas kwalsiasi danni lill-atturi jew min minnhom.*

*8. Illi f'kull każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetajiet attriċi jridu jippruvaw il-konnessjoni bejn l-aġir tal-intimat allegat minnhom fir-rikors ġuramentat*

*9. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetajiet attriċi jridu jippruvaw ukoll li bl-aġir tagħhom imminimizzaw id-danni u ma kkontribwixxewx huma stess għall-istess.*

*10. Illi f'kull każ, mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetajiet attriċi jeħtiġilhom iġibu prova skont il-liġi tal-quantum tad-danni li qed jirreklamaw.*

*11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi.»*

5. Filwaqt li permezz tar-risposta maħlufa tagħhom, l-Avukat Dr. Christopher Chircop u l-Prokuratur Legali Davina Sullivan maħtura bħala

l-kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Ryan Schembri, eċċepew:

*«1. Illi huwa s-soċjetajiet atturi li għandhom l-piż tal-prova u ċjoè illi jridu jkunu huma li jressqu l-provi u permezz ta' dawn l-istess provi mressqa minnhom jikkonvinċu lil dina l-Onorabbli Qorti illi l-allegazzjonijiet li l-istess soċjetajiet atturi qegħdin jagħmlu fil-konfront tal-intimati huma fondati.*

*2. Illi l-esponenti ġew notifikati b'dan ir-rikors fis-27 ta' Awwissu 2015, iżda mar-rikors ma kienx hemm anness d-dokumenti li huma indikati fl-elenku tad-dokumenti. Għaldaqstant huma qegħdin jitolbu lis-soċjetajiet atturi sabiex jgħaddulhom kopja tad-dokumenti indikati fl-elenku.*

*3. Illi l-esponenti jiddikjaraw li s-soċjetajiet atturi ma nfurmawhom bl-ebda informazzjoni li permezz tagħha huma jkunu jistgħu jagħmlu kuntatt mal-assenti Ryan Schembri jew il-familjari tiegħu (minħabba li l-familjari jistgħu jkunu ta' għajnuna għal esponenti sabiex ikun possibli għalihom li jagħmlu kuntatt mal-assenti Ryan Schembri) u għaldaqstant l-esponenti jistiednu lis-soċjetajiet atturi li jgħaddulhom kull informazzjoni li għandhom fil-pussess tagħhom jew b'informazzjoni oħra li l-istess soċjetajiet atturi jafu biha u li permezz tagħha l-esponenti jkunu jistgħu jagħmlu kuntatt mal-assenti Ryan Schembri.*

*4. Illi l-esponenti f'dan l-istadju jiddikjaraw li m'għandhomx konoxxenza tal-fatti ta' dan il-każ u għaldaqstant qegħdin jirriżervaw id-dritt li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri jekk huma jsiru konoxxenti ta' fatti relatati ma' dan il-każ.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetajiet atturi li r-rappreżentanti tagħhom huma minn issa inġunti in subizzjoni.»*

6. Minkejja li l-kumpanija konvenuta Cassar and Schembri (Marketing) Limited kienet debitament notifikata bir-rikors maħluf fid-19 ta' Novembru 2014, hija naqset milli tressaq risposta maħlufa u għalhekk baqgħet kontumaċi f'dawn il-proċeduri.

7. Din il-kawża qiegħda timxi ma' kawża oħra, li ġġib referenza 1002/2014, li qiegħda tiġi deċiża llum ukoll, fejn il-partijiet fil-kawża qablu li l-provi ta' waħda kellhom jgħoddu wkoll għall-oħra.

8. Fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Marzu, 2023, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża fis-sens illi:

> *«1) Tilqa' limitatament l-ewwel talba u tiddikjara li Ryan Schembri kkommetta qerq meta rrappreżenta ruħu b'mod falz bħala persuna awtorizzata li jirrappreżenta lis-soċjetajiet More Supermarkets (Mosta) Ltd, More Supermarkets (Fgura) Ltd u More Supermarkets (P'Ville) Ltd.*
>
> *2) Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara l-kawża tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014 bħala falza u li s-soċjetajiet attriċi qatt ma sselfu flus mingħand il-konvenut Alexander Farrugia.*
>
> *3) Tilqa' t-tielet talba u tordna r-rexxissjoni tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014.*
>
> *4) Tilqa' r-raba' talba u tordna t-tħassir u l-kanċellament tal-ipoteka ġenerali msemmija fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014 fil-konfront tas-soċjetajiet More Supermarkets (Mosta) Ltd, More Supermarkets (Fgura) Ltd, More Supermarkets (P'Ville) Ltd u More Supermarkets (Hamrun) Ltd.*
>
> *5) Tilqa' l-ħames talba u tordna t-tħassir tal-kambjala msemmija fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014.*
>
> *6) Tinnomina lin-Nutar Dr Robert Muscat għall-pubblikazzjoni tal-Att ta' rexissjoni tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014 u tordna illi dan ghandu jsir sa mhux aktar tard minn erba' xhur mil-lum.*
>
> *7) Tinnomina lill-Avukat Dr Victoria Cuschieri biex tirrappreżenta l-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.*
>
> *8) Tiċħad is-seba', t-tmien u d-disa' talbiet attriċi.*
>
> *Għal dak hawn fuq deċiż u sollevat, il-Qorti tordna illi l-ispejjeż tal-kawża, inkluż minn dawk relatati mal-kuntratt ta' rexxissjoni skont din is-sentenza, għandhom jiġu sopportati fl-intier tagħhom mill-konvenuti Alexander Farrugia u Ryan Schembri in solidum bejniethom.*

*Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi, lill-Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU), lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-President tal-Kunsill Notarili (Malta).»*

9. Fl-20 ta' April, 2023, il-konvenut Alexander Farrugia ressaq rikors tal-**appell limitat għall-kap tal-ispejjeż**, sa fejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-ispejjeż tal-kawża, inkluż dawk marbuta mal-kuntratt ta' rexxissjoni, għandhom jitħallsu fl-intier tagħhom mill-konvenuti Alexander Farrugia u Ryan Schembri *in solidum* bejniethom. Huwa talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fil-kap tal-ispejjeż sabiex minflok: (i) jew ma jbati l-ebda spejjeż; (ii) jew fl-agħar ipotesi jbati l-ispejjeż tiegħu biss u mhux *in solidum* mal-konvenut Ryan Schembri. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra Ryan Schembri.

10. Il-konvenut appellat Adrian Agius wieġeb ukoll l-appell imressaq minn Alexander Farrugia, fis-sens li jtenni li d-deċiżjoni appellata hija waħda ekwa u ġusta sa fejn ma kkundannatx lilu għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża u talab lil din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

11. Il-kumpaniji attriċi appellati wieġbu sabiex jgħidu għaliex din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-konvenut Alexander Farrugia, u peress li fil-fehma tagħhom l-istess appell huwa frivolu u vessatorju huma talbu lil din

il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha bl-ispejjeż doppji kontra l-istess konvenut appellant.

12. Ir-riċevitur uffiċjali, bħala stralċjarju tal-kumpanija Cassar & Schembri (Marketing) Limited, wieġbet fis-sens li ladarba l-mertu tal-appell ma jikkonċernax direttament lill-kumpanija Cassar & Schembri (Marketing) Limited, peress li ma ġietx ordnata tħallas l-ebda spejjeż, hija lesta toqgħod għal kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha xieraq tagħti fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

13. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Illi l-appell tal-konvenut appellant Alexander Farrugia huwa limitat għall-kap tal-ispejjeż. Għaldaqstant sa fejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-mertu tal-kawża u sa fejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet dwar il-kap tal-ispejjeż li għandhom jinġarru minn Ryan Schembri, dawn il-kwistjonijiet huma magħluqa billi ma tressaq ebda appell dwarhom mill-partijiet konċernati.

15. Il-punti mqanqla fl-aggravju tal-konvenut appellant Farrugia, sabiex isostni li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ordnat li huwa għandu jħallas l-ispejjeż *in solidum* flimkien ma' Ryan Schembri, huma s-segwenti:

(i) Huwa jisħaq li kien vittma tal-għemil doluż min-naħa tal-konvenut l-ieħor Ryan Schembri, li ħa vantaġġ mill-fiduċja tiegħu u qarraq bih. Wara kollox, kif aċċertat mill-Ewwel Qorti stess, huwa għamel il-verifiki li seta' jagħmel qabel il-kuntratt sabiex jaċċerta ruħu li Ryan Schembri kien vestit bir-rappreżentanza legali tal-kumpaniji attriċi. Mis-sentenza appellata jirriżulta ċar li dak kollu li seħħ kien konsegwenza tas-sitwazzjoni doluża maħluqa minn Ryan Schembri.

(ii) Jagħmel referenza għall-**Artikolu 223(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, fis-sens li l-Qorti tista' tordna li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha meta kull parti tkun meqjusa bħala telliefa, jew meta jkun hemm xi punt legali diffiċli li jiġi determinat, jew għal xi raġuni tajba oħra, b'dan illi l-ġurisprudenza tgħallem li l-Qorti għandha diskrezzjoni li tiddeċiedi dwar l-ispartizzjoni tal-ispejjeż, skont is-sitwazzjoni tal-każ. Dan meta huwa spiċċa vittma tal-aġir ta' Ryan Schembri u ta' Darren Casha, hekk kif sar tibdil fl-azzjonisti u dan bħala paraventu sabiex il-kumpaniji attriċi ma jinqabdux fl-investigazzjonijiet ta' ħasil ta' flus li kienu qegħdin isiru fil-Kroazja fil-konfront ta' Ryan Schembri. Jgħid li kien l-istess Darren Casha li ħa l-inkarigu li jirreġistra l-bidla fid-direttur tal-kumpaniji attriċi, iżda dan wara li ġie ffirmat il-kuntratt

ta' kostituzzjoni ta' debitu. Għalhekk l-appellant isostni li parti mill-ispejjeż kellhom jinġarru mil-kumpaniji attriċi, peress li huwa kien mexa b'rieda tajba, iżda spiċċa vittma tal-aġir u prattika frawdolenti ta' ħaddieħor.

(iii) Barra minn hekk, il-konvenut appellant jilmenta wkoll li minkejja l-fatt li kien hemm konvenut ieħor parti fil-kawża, jiġifieri Adrian Agius, li l-Ewwel Qorti ukoll ikkummentat li dan naqas milli jagħmel il-verifiki meħtieġa, minkejja li dawn seta' jagħmilhom faċilment, ma tat l-ebda ordni fil-konfront tiegħu fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż, iżda ordnat li l-ispejjeż għandhom jitħallsu minnu u minn Ryan Schembri *in solidum.*

16. Din il-Qorti tqis li kif tajjeb osservat mill-kumpaniji appellati fir-risposta tal-appell tagħhom, l-Ewwel Qorti ma llimitatx ruħha li tistħarreġ il-pretensjoni li Ryan Schembri ppreżenta ruħu bħala rappreżentant tal-kumpaniji attriċi b'mod falz u b'hekk kien hemm qerq min-naħa ta' Schembri, iżda wkoll kien hemm pretensjoni li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu kellu kawżali falza.

17. **<u>Għalhekk, fir-rigward tal-ewwel punt,</u>** filwaqt li huwa minnu li jista' jingħad li l-konvenut appellant kien ingannat, meta Ryan Schembri aċċetta li jidher fuq il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-20 ta' Ġunju, 2014, kemm f'ismu personali, kif ukoll f'isem il-kumpaniji attriċi, li kif

aċċertat mill-Ewwel Qorti, dan ma kienx għad għandu l-imsemmija rappreżentanza sa mis-7 ta' Mejju, 2014, dan ma kienx il-mertu waħdieni tal-kawża. Jitqies relevanti li jiġi osservat li l-kumpaniji attriċi ressqu disa' talbiet fil-konfront tal-konvenuti, fosthom kien hemm ukoll li l-kawżali tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu kienet waħda falza u għalkollox fabbrikata u dana peress li l-kumpaniji attriċi ma sselfu l-ebda flus mingħand Alexander Farrugia.

18. Hija relevanti silta mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fuq dan il-punt:

> *« Jirriżulta li fil-każ odjern il-kawża tal-kuntratt de quo kien id-dejn tas-soċjetajiet attriċi, flimkien ma' oħrajn ma' Alexander Farrugia. Il-Qorti tirreferi estensivament għax-xhieda ta' Alexander Farrugia nnifsu minn fejn jemerġi b'mod ċar li (1) Alexander Farrugia personalment qatt ma silef flus la lis-soċjetjiet attriċi u lanqas lil xi parti oħra milli dehru fuq il-Kuntratt de quo, u (2) Ċertament li dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratt de quo, kif anke kkonfermat min-Nutar Claire Camilleri nnifisha, kif ukoll mix-xhieda l-oħra preżenti, Alexander Farrugia m'għadda l-ebda flus lil partijiet, anke jekk id-diċitura fl-istess kuntratt tindika mod ieħor.*
>
> *Jibqa' għalhekk il-kwistjoni dwar jekk Alexander Farrugia silifx ammont ta' flus lis-soċjetajiet attriċi għan-nom ta' terzi u għalhekk hemm erba' kwistjonijiet li l-Qorti trid tqis: (1) kienx hemm transazzjoni ta' flus, (2) din it-transazzjoni saritx lis-soċjetajiet attriċi, (3) kienx fil-fatt self jew investiment, u (4) l-irwol ta' Alexander Farrugia bħala mandatarju.*
>
> *Dwar l-ewwel kwistjoni, ma jirriżulta minn mkien mix-xhieda li saret xi transazzjoni li turi self jew imqar moviment ta' flus fis-somma ta' miljun u ħames mitt elf ewro (€1,500,000) – dik li l-Ingliżi jsejħu money trail bl-ebda mod ma ġie ppruvat f'din il-kawża. Fix-xhieda tiegħu Alexander Farrugia jgħid li l-ewwel ammont ta' miljun ewro (€1,000,000) għaddew fuq l-idejn ġewwa l-Libja (li l-Qorti diġà esprimiet ruħha dwar din it-tip ta' transazzjoni) u li t-tieni ammont ta' ħames mitt elf ewro (€500,000) għaddew direttament minn terzi għal Ryan Schembri. Però prova ta' dan għajr il-kliem ta' Alexander Farrugia ma nġibitx. Il-konvenut Alexander Farrugia kellu kull*

*opportunità li jagħmel din il-prova billi, per eżempju, iressaq bħala xhud lil Abdul Raman (l-allegat persuna wara s-self), seta' wkoll esibixxa kopja ta' kontijiet minn fejn ħarġu u fejn daħlu dawn il-flus - iżda dan ma sarx u għalhekk din il-Qorti ma tistax tiddikjara lilha nnifisha konvinta li l-flus qatt fil-fatt għaddew.*

*Lanqas ma jirrizulta illi s-soċjetajiet attriċi qatt rċevew xi somma flus (anke jekk mhux f'forma ta' self) mingħand Alexander Farrugia.*

*In vista ta' dan, din il-Qorti ma tħossx li hemm il-ħtieġa li tikkunsidra l-kwistjoni oltre u dana stante li l-Qorti hija konvinta, illi mill-provi prodotti ma jirriżultax illi Alexander Farrugia silef flus lis-soċjetajiet attriċi u m'hemm lanqas l-ebda prova li għamel dan għal ħaddieħor.*

*Għaldaqstant, il-qorti tqis illi l-kuntratt de quo hu bbażat fuq kawża falza u għalhekk ma jista' jkollu ebda effett fil-liġi.*

*Konsegwentement, in vista tas-suespost, din il-Qorti ser tkun qed tilqa' t-tielet talba attriċi u tordna r-rexxissjoni tal-att ta' Kostituzzjoni ta' Debitu fl-atti tan-Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014 (li kopja tiegħu tinsab a fol 23 tal-proċess) fil-konfront tas-soċjetajiet attriċi.»*

19. Minn dan jinżel li l-pretensjoni tal-konvenut appellant li ma jweġibx għall-ispejjeż tal-kawża u għar-rexxissjoni tal-kuntratt ma tistax tintlaqa'. Dan jingħad peress li l-konvenut appellant kellu sehem kruċjali fil-kuntratt attakkat mill-kumpaniji attriċi. Il-konvenut appellant ippreżenta ruħu bħala kreditur, meta mill-provi rriżulta ċar li ma għadda l-ebda self ta' flus lill-kumpaniji attriċi fuq il-kuntratt. Madankollu Farrugia jsostni li dan is-self sar qabel. Ingħad li l-parti kbira mill-flus (miljun ewro) għaddew fuq l-idejn ġewwa l-Libja, transazzjoni, li kif ġustament osservat mill-Ewwel Qorti kienet suspettuża għall-aħħar. Filwaqt li nofs miljun ewro għaddew mingħand Abdul Raman lil Ryan Schembri, iżda hawn ukoll il-provi huma skarsi li ma jikkonvinċux. Għalhekk il-konvenut appellant ried jorbot lill-kumpaniji attriċi bħala debituri prinċipali ta' self, meta dan is-self ma

rriżultax. Jiġi b'hekk li f'dan il-kuntratt ma jirriżultax biss l-għemil doluż ta' Ryan Schembri, iżda t-tfassil tiegħu huwa tali li jirrappreżenta lill-konvenut appellant f'vesti li mhuwiex, ċjoè kreditur ta' self favur il-kumpaniji attriċi.

20. Isegwi li t-talba tal-konvenut appellant, li ma jbati l-ebda spejjeż marbuta mal-kawża ma tista' qatt tintlaqa', ladarba jitqies li huwa kellu rwol ewlieni fil-kuntratt u l-kambjala attakkati fil-kawża taħt eżami.

21. **<u>Imiss li jiġi mistħarreġ it-tieni punt</u>**. Din il-Qorti tibda billi tosserva li ma tantx jista' jingħad li l-konvenut appellant mexa bir-rieda tajba, peress li kif ingħad qabel, huwa kien parti fuq il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li tqies li huwa milqut b'kawża falza. Din il-Qorti lanqas tqis li l-kumpaniji attriċi għandhom iġorru parti mill-ispejjeż għar-raġunijiet imfissra mill-konvenut appellant minħabba l-aġir ta' Darren Casha. L-argument tal-konvenut appellant ifalli peress li ma jagħmilx sens li Casha b'xi mod ried li d-djun li kellha Cassar & Schembri (Management) Limited jinġarru mill-kumpaniji attriċi rappreżentati minnu, li spiċċaw vittmi tar-raġġiri ta' Farrugia u Schembri.

22. Madankollu, sa fejn il-konvenut appellant jistrieħ fuq l-**Artikolu 223 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, tabilħaqq f'dan il-provvediment tal-liġi jingħad li f'kull sentenza definittiva l-Qorti għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż (**Artikolu 223 (1)**). Huwa biss meta

kull parti tkun meqjusa bħala telliefa, jew meta jkun hemm xi punt diffiċli li jiġi ddeterminat, jew għal xi raġuni tajba oħra (**Artikolu 223(3)**), li għandu jkun hemm varjazzjoni minn dan il-prinċipju.

23. Hekk kif ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Lulju, 2021 fl-ismijiet ***Francis Portelli v. Diretturi Ġenerali (Dwana)***: *«Illi l-Qorti tqis li l-liġi nnifisha taħseb għall-każ fejn qorti tista' torbot lil xi parti f'kawża bil-ħlas tal-ispejjeż (Art. 223(3) tal-Kap 12). F'każ bħal dan, il-kap tal-ispejjeż għandu jieħu qies tat-talbiet attriċi u tal-konklużjonijiet li l-Qorti waslet għalihom biex tilqa' jew tiċħad tali talbiet għalkollox jew f'biċċa minnhom. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha joħroġ ċar li mhux it-talbiet kollha li l-appellat ressaq fil-kawża ntlaqgħu.»*

24. Meta nduru għall-każ tagħna jirriżulta li mid-disa' talbiet attriċi ntlaqgħu biss l-ewwel sitta u ġew miċħuda l-aħħar tlieta. Fid-dawl ta' dan, jitqies li Alexander Farrugia m'għandux jerfa' l-ispejjeż relatati ma' dawn it-talbiet li ġew miċħuda. Billi ma tressaq ebda appell dwar dan il-punt mill-kuraturi deputati li jirrappreżentaw lil Ryan Schembri, jiġi b'hekk li fil-konfront tiegħu s-sentenza se tibqa' fis-seħħ anke f'dan ir-rigward.

25. Għalhekk, ġaladarba t-talbiet attriċi għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' danni ġew miċħuda, meta kien obbligu tal-kumpaniji attriċi li jippruvaw dak allegat minnhom, ħaġa li l-kumpaniji attriċi naqsu milli jagħmlu, allura

jagħmel sens li jkun hemm varjazzjoni fis-sentenza dwar dan. Wara kollox, parti kbira mid-drittijiet dovuti fuq it-taxxa maħruġa mill-Qorti, huma marbuta mat-talbiet attriċi għal-likwidazzjoni u kundanna ta' ħlas tad-danni. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li kwalsiasi dritt tar-reġistru, avukat u prokuratur legali marbuta ma' dawn it-talbiet attriċi għad-danni, m'għandhomx jinġarru minn Alexander Farrugia. Wara kollox, ħadd mill-kumpaniji attriċi m'appella mis-sentenza taħt eżami sa fejn dawn it-talbiet tagħhom ġew miċħuda.

26. **Jonqos l-aħħar punt tal-konvenut appellant,** dak dwar il-konvenut appellat Adrian Agius. Għalkemm huwa minnu li l-Ewwel Qorti qieset li Agius m'għamel l-ebda verifika dwar l-allegat djun li l-kumpanija attriċi More Supermarkets (Ħamrun) Limited kellha ma' Alexander Farrugia, verifiki li seta' jagħmel, l-Ewwel Qorti osservat ukoll li Adrian Agius donnu kien l-akbar vittma tal-qerq ta' Ryan Schembri, peress li saħansitra tilef daru! Barra minn hekk, l-Ewwel Qorti qieset ukoll li ma kienx il-qerq imwettaq minn Ryan Schembri fil-konfront ta' Adrian Agius, li wassal għan-nullità tal-kuntratt.

27. Jiġi nnutat ukoll li, sa fejn fl-ewwel talba attriċi ngħad li Ryan Schembri u Adrian Agius ma kinux awtorizzati sabiex jidhru għan-nom tal-kumpaniji attrici [barra D.More Holdings Ltd] fuq il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in Atti Nutar Claire Camilleri tal-20 ta' Ġunju 2014, minbarra l-

fatt li Adrian Agius deher fuq il-kuntratt bħala wieħed mid-diretturi ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited u mhux għall-kumpaniji l-oħra, l-Ewwel Qorti osservat:

> *«Fir-rigward tal-More Supermarkets (Hamrun) Limited, jirriżulta li dakinhar tal-kuntratt de quo, kemm Ryan Schembri u kif ukoll Adrian Agius kien għadhom diretturi tal-istess soċjetà. Fir-rikors ġuramentat is-soċjetajiet attriċi jgħidu li Ryan Schembri u Adrian Agius ma kinux awtorizzati jidhru fuq l-imsemmi kuntratt minħabba riżoluzzjoni li ttieħdet fil-11 ta' Ġunju 2014 fejn ġie riżolt li l-kumpanija ma setgħetx tidħol f'obbligazzjonijiet kuntrattwali mingħajr l-approvazzjoni tal-Laqgħa Ġenerali. Minkejja dan, tali riżoluzzjoni ma tirriżultax mill-provi u għalhekk ma tistax titqies minn din il-Qorti. B'hekk jirriżulta li s-soċjeta' More Supermarkets (Hamrun) Ltd kienet debitament rappreżentanta ai termini tal-Memorandum and Articles of Assocation tal-istess soċjetà. Isegwi għalhekk, li f'dan il-każ ma tirriżultax rappreżentazzjoni żbaljata.»*

28. Meqjus dan kollu, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fis-sentenza appellata, meta salv dak li ngħad fl-aħħar aggravju, l-Ewwel Qorti qieset li l-konvenuti Ryan Schembri u Alexander Farrugia għandhom iwieġbu *in solidum* ukoll għall-ispejjeż tal-konvenut Agius, dejjem sa fejn għandu x'jaqsam mal-ewwel sitt talbiet attriċi. Dan fid-dawl tal-fatt li kif jingħad ukoll mill-istess appellat Agius fir-risposta tal-appell tiegħu, kuntrarjament għal dak li għamel Farrugia, huwa ma deherx fuq il-kuntratt fl-interess personali tiegħu u lanqas m'aġixxa sabiex jagħmel xi gwadann personali. Anzi meta deher fuq il-kuntratt bħala wieħed mid-diretturi ta' More Supermarkets (Ħamrun) Limited, aġixxa kontra l-interess personali tiegħu nnifsu, tant li spiċċa jagħmel tajjeb għad-djun ta' din il-kumpanija bil-proprjetà immobbli tiegħu stess! Isegwi li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud.

29. Fl-aħħar, tajjeb jingħad li, sa fejn il-konvenut appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex ma jbatix l-ispejjeż tal-kawża *in solidum* ma' Ryan Schembri, ladarba tqies li kemm Ryan Schembri, kif ukoll Alexander Farrugia kellhom rwol ewlieni fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu u l-kambjala attakkati permezz tal-proċeduri taħt eżami, jkun xieraq li dawn iż-żewġ konvenuti jwieġbu għall-ispejjeż marbuta mal-ewwel sitt talbiet attriċi, inkluż l-ispejjeż tal-kuntratt ta' rexxissjoni *in solidum* bejniethom. F'dan is-sens is-sentenza appellat ser tiġi wkoll ikkonfermata.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet hawn fuq imsemmija, din il-Qorti **<u>tilqa'</u>** f'parti minnu l-appell tal-konvenut Alexander Farrugia dwar il-kap tal-ispejjeż biss u għalhekk:

(i) Tirriforma l-kap tal-ispejjeż fis-sens li Alexander Farrugia m'għandux iġorr *in solidum* ma' Ryan Schembri l-ispejjeż marbuta mas-seba', t-tmien u d-disa' talbiet attriċi (inkluż kull dritt tar-reġistru, avukat u prokuratur legali hekk kif deċiż mill-Ewwel Qorti, iżda minflok l-ispejjeż marbuta ma' dawn it-talbiet għandhom jitħallsu minn Ryan Schembri waħdu ladarba dan ma appellax mill-kap tal-ispejjeż;

(ii) Mill-bqija għal dak li huwa l-kumplament tal-ispejjeż, marbuta mal-ewwel sitt talbiet attriċi (inkluż l-ispejjeż tal-kuntratt ta' rexxissjoni) għandhom jitħallsu mill-konvenuti Ryan Schembri u Alexander Farrugia *in solidum* bejniethom hekk kif deċiż fis-sentenza appellata.

(iii) Mill-bqija s-sentenza appellata hija kkonfermata.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu nofs mill-kumpaniji attriċi appellati u nofs mill-konvenut appellant Farrugia.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb